MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 315/1997/1

Mario Camenzuli
vs
Kummissarju tal-Pulizija

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tal-1987, huwa sofra ingustizzja f'li ma giex moghti dik l-promozzjoni li kienet misthoqqa lilu bhala spettur tal-pulizija;

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej u li propju wara l-elezzjoni generali tal-1987, kienet harget 'internal call' ta' applikazzjoni ghall-grad ta' spettur tal-pulizjija fejn ir-rikorrent kien eligibbli biex japplika u kellu r-rikjesti kollha mehtiega u fil-fatt kien applika u resaq ghall-ewwel parti ta' l-ezami li kien 'failing' u meta hargu r-rizultati huwa kien ghadda;

Illi meta ghamel imbaghad l-ezami bil-miktub liema rizultat hareg wara hames xhur ir-rikorrent kien wiehed mis-sittax-il kandidat li ghadda u r-rikorrent gie klassikfikat it-tlettax (13)-il wiehed;

Illi minn dawn kienu saru spetturi l-ewwel ghaxra (10) u ghas-sitta (6) l-ohra kien sar l-“interview” li fil-“call” for applications qatt ma kien imsemmi, u hawn ir-rikorrent gie mpoggi l-ahhar wiehed fil-lista ghax mit-tlettax-il post tnizzel wara l-interview is-sittax-il wiehed, u b’hekk kien propju hu biss li ma giex promoss ghall-grad ta’ spettur ghaliex il-hamsa l-ohra kolla saru spetturi;

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija u indikati fir-rikors biex jipprova dwarhom il-kaz tieghu;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jiehu dik il-promozzjoni ta’ spettur tal-pulizija mid-data ta’ meta lahqu l-ohrajn imsemmija (l-hamsa l-ohra) jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, jigi ordnat lilu li jithallas dak il-kumpens fl-ammont li jiddeciedi t-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li eccepixxa:

Ir-rikorrent ilmenta dwar it-trattament lejh meta huwa pogga ghall-ezami li kien sar wara l-Elezzjoni Generali ta’ 1987 ghall-promozzjoni ghall-grad ta’ Spettur.

Is-sejha ghal dan l-ezami harget fit-30 ta’ Novembru, 1987. Ir-rikorrent applika u gie maghzul sabiex ipoggi ghal dan l-ezami.

Dan l-ezami kien jikkonsisti fit-tliet partijiet. Sabiex wiehed jikkwalifika kien mehtieg li jghaddi mit-tliet partijiet u cioe`:-

L-ewwel Parti: Interview
Ezami Fiziku
Ezami bil-miktub fil-Malti, Ingliz u Grajjiet Kurrenti u taghrif Generali

It-Tieni Parti: Ingliz Avvanzat
Malti Avvanzat
Kitba (precis writing)
Procedura u investigazzjoni
Rapporti tal-Pulizija u korrispondenza
Taghrif baziku dwar materji legali

It-Tielet Parti: Materji Legali u Amministrattivi

Ir-rikorrent kien ghadda mill-ewwel parti ta' dan l-ezami, izda meta ghamel it-tieni parti hu ma kienx wiehed mis-sittax li kienu ghaddew u dan skond ir-rizultat li kien hareg mir-Registratur ta' l-Ezamijiet. Illi skond l-istess sejha ghall-promozzjonijet ta' spettur kien inghad b'mod car li dawk biss li kellhom success fit-tieni parti kellhom dritt jipprocedu ghat-tielet parti. Ghalhekk il-fatti kif relatati mir-rikorrent huma l-boghod hafna mill-verita`.

Ghaldaqstant l-intimat talab li l-Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent xehed li kienu hargu sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghal spetturi, hu kien wiehed mill-applikanti. Spjega li l-ezami kien maqsum fi tliet partijiet, l-ewwel parti, intervista u ezami ta' 'physical fitness', it-

tieni, ezami f'livell avvanzat tal-Ingliz u l-Malti, u t-tielet, dwar il-ligijiet u x-xoghol tal-Pulizija. Qal li hu kien ghadda mit-tliet partijiet u gie t-tlettax-il wiehed. Zied ighid li kienu dahlu ghaxra biss li gew appuntati f'Gunju 1988 u ghamlu intervista addizzjonali, li kienet ta' ftit minuti, u dahlu hamsa ohra. Hu kien gie kklassifikat is-sitt wiehed f'din l-intervista u kien l-uniku li baqa' barra. Qal li meta hu pprova jistaqsi u jindaga ghaliex ma nghatax il-promozzjoni ghall-habta tal-1993, intbaghat go ufficju fl-istess dipartiment, minghajr possibilta` ta' overtime u allowances, u naqas ukoll mill-paga. Fl-ahharnett, qal li bejn l-1988 u l-1993, kien CID, f'Haz-Zabbar, u fl-1993 intbaghat fis-Civil Status.

Xehed <u>Vince Piccinino</u>, rapprezentant tal-Ufficju tal-Prim Ministru li rrefera ghas-sejha ghall-applikazzjoni 69/87 datata 30 ta' Novembru 1987, 'examination for the promotion to probationary of police inspectors', fejn kien hemm imnizzel li l-ezami kien jikkonsisti fi tliet partijiet. Spjega li l-ewwel parti kienet tikkonsisti f'intervista, u physical fitness test. Qal li t-tieni parti kienet tikkonsisti f'essay, comprehension test kif ukoll Malti, essay u translation, precis, u police procedures and investigations. Semma, li t-tielet parti kienet tissejjah confirmation examination. Zied ighid li fl-ewwel parti, r-rikorrent kien gab 60 minn 100 fl-intervista u 70 minn 100 fil-physical fitness, 60 minn 100 fil-Malti, 61 minn 100 fl-Ingliz u 54 minn 100 fil-Current Affairs u General Knowledge. U t-total tal-marki tar-rikorrent kienu 305 ghall-ewwel parti tal-ezami, u peress li kien hemm iehor li gab l-istess total ta' marki, tqeghdu fis-26 u s-27 post. Kompla jghid li fit-tieni parti tal-qualifying examination, ghaddew 16 u isem ir-rikorrent mhux wiehed minnhom. Hu esebixxa kopja tar-rizultat a fol 46, u esebixxa kopja tac-cirkolari ghas-sejha ghall-applikazzjoni a fol 47.

Xehed <u>Patrick Grima</u> rapprezentant tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, li qal li l-index number tar-rikorrent kien 10 hekk kif jidher a fol 42. Semma li fl-ewwel parti tal-ezami kien 305. U fit-tieni parti tal-ezami, qal li r-rikorrent fl-Advanced English kellu 50, il-minimu kien 60, Malti 50,

precis writing 49, police procedures and investigations 62, police reports and offical correspondence 53, basic legal matter 42. Fir-rigward ta' Manwel Camilleri, qal li dan mghaddiex mit-tieni parti tal-ezami u esebixxa dok a fol 46 li juri dan. Qal li fl-ewwel parti tal-ezami, kien hemm fis-selection board, Nikol Cutajar, John Camilleri u Vince Piccinino.

Xehed Nicholas Cutajar li kien membru fil-bord ghal spettur fl-1987, u qal lir-rikorrent jiftakru ghall-bidu li dahal mal-pulizija. Qal li hu kien fil-kariga ta' spettur, u kien hemm Vince Piccinino u John Camilleri, li kien ic-Chairman tal-Bord. Semma li l-ezami ghal Spettur isir taht l-awspici tad-Direttur tal-Edukazzjoni, li jesigi li wiehed mill-membri fil-bord ikun jirraprezenta lill-Kummissarju tal-Pulizija. Qal li l-passmark kienet 60, hekk kif jirrizulta mis-sejha ghall-applikazzjoni. Spjega li wara li hareg ir-rizultat, kienet harget dikjarazzjoni mill-ex Kummissarju tal-Pulizija, fejn peress li kien hemm persuni li gabu marki gholjin, u kien intlahaq certu livell, il-marki baxxi li kienu ngiebu fil-Malti kienu ser jigu kompensati f'suggetti ohra. Qal li hu kien ta l-marki ghall-intervista u li c-cirkolari tigi approvata mill-Public Service Commission u mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Qal ukoll li t-tliet persuni fl-intervista kienu taw il-kontribut tal-marki.

Xehed l-ex-Kummissarju tal-Pulizija, George Grech, li qal li ma kienx involut fis-sejha 69/87 a fol 47 ghal spettur. Qal li ma kienx involut f'dan l-ezercizzju, minhabba li wiehed mill-kandidati kien huh, u qal huh kien ghadda, izda mbaghad meta sar ir-re-sit, hemmhekk kien involut fil-bord, flimkien ma' Alfred Fiorini Lowell. Qal ukoll li meta saru spetturi s-Sur Kelly u Pio Pisani, hu ma kienx Kummissarju.

Xehed is-Supretendent Ronald Kelly li qal fit-22 ta' Lulju kienet harget cirkulari 37/87 li kienet qed tistieden il-membri tal-korp tal-Pulizija, min irid japplika biex jattendi course of studies li jwassal ghal ezami tal-Pulizija. Hu esebixxa dokumenti a fol 108 u 109, il-lista ta' dawk il-membri tal-korp tal-Pulizija li applikaw ghal dan il-kors. Hu pprezenta wkoll il-lista ta' dawk li applikaw ghas-sejha

tal-applikazzjoni 69/87 a fol 112. Semma li r-rizultati tal-ewwel u t-tieni parti tal-ezami jinsabu esebiti fil-process a fol 44 u 46, u qal li dan kien ir-rizultat finali u ma saret l-ebda intervista jew haga ohra wara dan.

**KONKLUZJONIJIET**
Illi l-ilment tar-rikorrent hu li ghamel l-ezami ghal Spettur u ghalkemm ghadda l-affarijiet ma sarux b'mod regolari. Fix-xhieda tieghu bil-gurament qal li kien ghadda fi tliet partijiet.

Mhux veru li r-rikorrent ghadda u ried jidhaq bit-Tribunal. Infatti jirrizulta b'mod car li hu ma ghaddiex mit-tieni parti u ghalhekk lanqas biss ghamel it-tielet parti. Dan jidher car mir-rizultat ezibit a fol 46 tal-process, mix-xhieda tas-sur Vince Piccinino rapprezentant tal-OPM u li kien ukoll ezaminatur, mid-deposizzjoni ta' Patrick Grima rapprezentant tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, Nikol Cutajar, u Supt Kelly. La ma ghaddiex l-ilment hu bla bazi. Ukoll it-Tribunal certament ma jhossx li jista' jaghmel rakkomandazzjonijiet ghar-rikorrent biex jilhaq spettur meta dan bil-gurament stqarr li ghadda mit-tliet partijiet meta ma kienx veru.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Spejjez kontra rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------